**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**10/17**

**Minuti tat-tieni parti tat-tkomplija tal-għaxar laqgħa tas-sbatax il-sena (Is-Sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa 4 ta' Awissu 2010.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph M. Formosa | - | Aġent Segretarju |
| Skużati: | Is-Sur Cleaven Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |

**<u>AĠENDA</u>**

1. Ilmenti
2. Ordnijiet tal-Ġurnata
   a) Ġieħ Santa Venera
   b) Fiera tal-Għasel
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1.0 Item 1: Talba

**1.1** Il-Laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. u nfethet b'talba qasira mis-Sindku u l-Kunsilliera kollha preżenti.

**Punt ta' Kjarifikazzjoni**
Il-Kunsillier Carmel Camilleri qajjem il-punt li peress li din il-laqgħa hija t-tieni parti tal-Laqgħa tal-Kunsill u peress li hu kien skużat għall-ewwel parti biss tal-laqgħa, għall kull buon fini tar-rassenja tal-laqgħat tal-Kunsill, is-Sur Carmel Camilleri għandu jiġi muri li kien preżenti għall-din il-laqgħa kif oriġinarjament hekk imsejħa.
Dwar dan ħadd mill-kunsilliera preżenti m'oġġezzjona għalhekk il-Kunsill laqa' t-talba tal-Kunsillier Carmel Camilleri. Il-Kunsill qabel li għall-futur għandu jimxi fuq dan il-prinċipju hawn stabbilit dwar ir-rassenja tal-attendenza.

F'dan l-istadju s-Sindku talbet sospensjoni tal-kronoloġija tal-items hekk murija fuq l-Aġenda u l-Kunsill laqa' t-talba.

## 1.0 Korrispondenza

**1.1** Is-Sindku għamlet referenza għal MEMO 45/2010 u dwar korrispondenza relatata dwar il-kuntratti ġodda dwar resurfacing ta' toroq b'sistema ta' Public Private Partnership (PPP) u

dwar kif il-Kunsill li kien diġa' applika sabiex jidħol f'din l-iskema u li kien qed jiġi mitlub jaġixxi f'dan l-istadju ta' l-applikazzjoni.
Saret diskussjoni u sar qbil li dan is-suġġett jiġi trattat f'laqgħa speċifika meta l-Kunsill ikollu aktar dettalji dwar toroq li kienu inklużi u dwar is-sostenibilita' finanzjarja tal-Kunsill meta wieħed jieħu l-konsiderazzjoni li l-programm tal-PPP jieħu fit-tul.

### 1.2 Skeda Dwar Korrispondenza

Il-Kunsill qabel li għandha tiġi preżentata perjodikament skeda ta' korrispondenza kemm dik li jkun irċieva l-Kunsill kif ukoll dwar l-ittri li jkunu ntbagħtu mill-Kunsill sabiex fejn ikun meħtieġ issir diskussjoni dwar xi korrispondenza kif ukoll jiġi segwit il-progress meħtieġ.

## 2.0 Ordnijiet tal-Ġurnata

### 2.1 Gieħ Santa Venera

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li huwa previst li l-premju dwar Ġieħ Santa Venera 2010 jingħata fl-14 ta' Novembru 2010 u li dwar dan hemm il-ħtieġa li joħorġu applikazzjonijiet skont il-proċeduri stabbiliti.
Saret diskusjoni dwar il-kostituzzjoni tal-kumitat Ġieħ Santa Venera u dwar il-ħtieġa li kumitat indipendenti u liberu li jagħmel għażla ta' persuna li jingħata Ġieħ Santa Venera għandu jirraporta lill-Kunsill Lokali Santa Venera.
Il-Kunsill qabel li l-għażla finali hi tal-Kunsill Lokali Santa Venera u li l-Kunsill jista' finalment ma jaqbilx ma dik l-għażla. Skond paragrafu L.1.6 tal-Linji Gwida (Settembru 2008). Id-deċiżżjoni tal-Kunsill wara r-rakkomandazzjoni mill-Kumitat tal-għażla tkun finali u inappelabbli.
Il-Kunsill qabel li kopja tal-linji gwida tiġi ppreżentata waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill sabiex jiġi ċċarat jekk il-Kumitat tal-Ġieħ Santa Venera hux marbut li jservi sa tmiem il-leġislatura tal-Kunsill Lokali Santa Venera.
Il-Kunsill qabel ukoll li tintbgħat ittra lill-membri kollha tal-Kumitat tal-Ġieħ Santa Venera bil-għan li l-Kunsill ifakkar id-deċiżżjoni finali li hi dik tal-Kunsill Lokali Santa Venera.

### 2.2 Fiera tal-Għasel

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hemm il-ħsieb li din il-Fiera tal-Għasel ser isir fit-13 u l-14 ta' Novembru, 2010.
Dwar dan sehem il-Kunsill ser ikun biss li jsellef lil MRRA il-Ġnien Romeo Romano. Il-Kunsill qabel li l-MRRA jieħdu ħsieb kollox huma u li din l-attivita' għandha tkun finanzjament self sustained u l-Kunsill ma joħroġ l-ebda fondi għal din l-attivita'.

## 3.0 Ilmenti

**3.1** Qabel ġiet diskussa l-lista tal-ilmenti l-Viċi Sindku s-Sur Horace J. Anastasi kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Carmel Camilleri għamlu appell sabiex parti żgħira tal-bankina fi Triq tal-Fawwara titbaxxa sabiex ikun aċċessibli għall-persuni b'diżabilita' li qegħdin fuq wheelchair.
Il-Kunsill qabel li din tingħata konsiderazzjoni xierqa u li jintalbu l-permessi meħtieġa sabiex dan ix-xogħol isir bi prijorita'.
Sar appell ukoll sabiex Triq Patri Ġwann Azzopardi tkun aċċessibli għall-persuni bil-wheelchair.
Hawnhekk ukoll il-Kunsill qabel li tittieħed azzjoni sabiex jinkisbu l-permessi meħtieġa u jsir ix-xogħol bi prijorita'.

Il-Kunsill qabel li jsir studju fil-lokalita' dwar il-bankini li ma humiex aċċessibli. Dan l-istudju għandu jsir mill-Perit inkarigat mill-Kunsill u li dan l-istudju għandu jersaq quddiem il-Kunsill għall-azzjoni meħtieġa.

**3.2 Petizzjoni dwar Triq Carini Santa Venera**

Il-Kunsill sema' diversi lmenti ta' Kunsillieri dwar l-inkwiet frekwenti ġewwa din it-Triq ikkawżat minn konġestjoni tat-traffiku speċjalment meta kemm jgħaddu containers kbar kif ukoll ikun hemm ħatt ta' containers.

Il-Kunsill qabel li jitlob lil Awtoritajiet Kompetenti sabiex iwaħħal tabelli li ġewwa din it-Triq Carini, u ma jidħlux trakkijiet ħlief sabiex jagħtu servizz.

Il-Kunsill qabel ukoll li jiġi pprojbit id-dħul tal-containers kbar għaliex dawn qed jagħmlu ħsara kbira fuq il-vetturi li jkunu pparkjati u anke' f'xi drabi r- residenti jkollhom joħorġu minn djarhom sabiex iċċaqalqu l-karozzi tagħhom u li jakkomodaw lis-sidien tal-containers.

**3.3 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:**

**3.3.1** (326) Il-Kunsill qabel li jsegwi t-talba tiegħu lit-TM.
**3.3.2** (327) Il-Kunsill qabel li jikteb lill-MEPA dwar dan sabiex jittieħdu passi skond proċeduri stabbiliti.

**3.3.3** (328) Il-Kunsill qabel li din tidħol fil-lista tax-xogħolijiet pendenti.
**3.3.4** (329) Il-Kunsill talab aktar informazzjoni dwar dan l-ilment iżda qabel tintbgħat ukoll ittra lill-MEPA u kopja lis-Sur Charles Mangion sabiex jitneħħa l-inkonvenjent preżenti.
**3.3.5** (330) Il-Kunsill qabel li joħroġ works order.
**3.3.6** (331) Il-Kunsill qabel li joħroġ works order (Mario Mallia) u li jsegwi li dan ix-xogħol isir kif mixtieq.
**3.3.7** (332) Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol meħtieġ isir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.
**3.3.8** (333) Il-Kunsill qabel li toħroġ works order (Mario Mallia) u li jiġi segwit lid an ix-xogħol isir kif mixtieq.
**3.3.9** (334) Il-Kunsill talab aktar informazzjoni dwar dan l-ilment.
**3.3.10** (335) Il-Kunsill qabel li jikteb lis-sid u jiġi segwit sabiex jiġi assigurat lill-inkonvenjent preżenti jiġi eliminate mill-aktar fis possibli.
**3.3.11** (336) Il-Kunsill qabel li jitlob lit-Transport Malta (TM) sabiex isir dak ix-xogħol meħtieġ.
**3.3.12** (337) Il-Kunsill qabel li jitlob il-permess tat-TM
**3.3.13** (338) Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lis-Sinjura M. Cardona sabiex ma tkompix toħroġ l-iskart kmieni.
**3.3.14** (339) Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu t-tabelli kif meħtieġ.
**3.3.15** (340) Il-Kunsill qabel li jintalab il-permess ta' TM dwar il-kaxxa s-safra mitluba.
**3.3.16** (341) Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tas-sid tal-ħanut 'Ta' Tototla' sabiex ineħħi l-inkonvenjent preżenti.

**4. Aġġornament**

**4.1 Id-dritt ta' Konsultazzjoni**

Il-Viċi Sindku s-Sur Horace J. Anastasi nsista li fejn il-Kunsill jiġi maqbuż jew injorat dan għandu juri d-diżapprovazzjoni tiegħu b'mod formali ma min ikun ikkonċernat.

**4.2 Laqgħa pubblika mar-residenti ta' Triq il-Parilja, Santa Venera**
Il-Viċi Sindku s-Sur Horace J. Anastasi qal li hemm diversi problemi f'din it-triq fosthom dik ta' parking u hemm ħtieġa kbira li ssir din il-laqgħa pubblika u li għaliha għandhom jattendu r-rappreżentanti tal-Korp tal-Puluzija u ta' awtoritajiet oħra kkonċernati.
Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa għandha tkun strutturata sewwa u li għandhom isiru arranġamenti meħtieġa sabiex il-laqgħa isir kemm jista' jkun malajr.

**4.3 Rappreżentant fuq il-Kumitat Konġunt**
Il-Viċi Sindku s-Sur Horace J. Anastasi qal li fiċ-ċirkostanzi preżenti hu xtaq li ma jkomplix jirrapreżenta lill-Kunsill fuq il-Kumitat Konġunt.

Il-Kunsill qabel lis-Sur Edwin Formosa li kien sostitut tas-Sur Horace J. Anastasi jinħatar bħala r-rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat Konġunt.
Is-Sindku qalet li hija kienet tirrapreżenta lill-Kunsill fil-kuntatti u r-relazzjoni mal-Korp tal-Puluzija.

**4.4 Pubblikazzjoni li fuqha hemm stampat l-insigna tal-Kunsill ta' Birkirkara u dik ta' Santa Venera.**

Il-Kunsillier Stephen Sultana qal li l-kumpanija li stampat il-ktejjeb ta' reklamar għamlet l-insinja tal-Kunsill mingħajr permess u peress li huwa prezunt li għamlet il-pubblikazzjoni bi qliegħ il-Kunsill għandu jikseb parir legali sabiex jieħu passi meħtieġa sabiex jipproteġi l-interessi tiegħu.
Il-Kunsill qabel li jieħu l-passi meħtieġa sabiex l-interessi tal-Kunsill jiġu protetti u li ħadd m'għandu juża l-insinja tal-Kunsill mingħajr il-permess formali tal-Kunsill.

**4.5 Bollards**
Is-Sur Stephen Sultana qal lill-Kunsill għandu jikseb informazzjoni dwar il-postijiet fejn għandhom bżonn jitwaħħlu xi bollards sabiex ikun hemm azzjoni meħtieġa.

Il-Kunsill qabel li jagħmel dan kemm jista' jkun malajr u skont kif tippermetti l-liġi..

**4.6 Rapurtaġġ tal-Media dwar il-laqgħa tal-MEPA li ddiskutiet u rrifjutaw l-applikazzjoni tal-binja kbira flok l-eks. fabbrika tas-7 up.**
Is-Sur Stephen Sultana qal li TV Malta fl-aħbarijiet u fuq kitba tal-ġurnal is-Sur Reno Bugeja intqal lill-Kunsill ta' Santa Venera ''qajla qajjem jew semma leħnu fuq dan il-proġett.''
Is-Sur Stephen Sultana qal u l-Kunsill għandu jew jagħmel press conference jew jibgħat press release dwar l-impressjoni ħażina li ngħatat dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill.
Is-Sindku s-Sinjura Elizabeth Vella spjegat li waqt din il-laqgħa hija kienet preżenti tirrapreżenta lill-Kunsill u għamlet l-oġġezzjoni tal-Kunsill dwar il-problema li kienu ser jiġu kkawżati minn dan il-proġett.
Il-Kunsill qabel li peress li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera kien sa minn żmien ilu, aktar mis-sena 2000 isegwi dan il-proġett, u li mhux l-ewwel darba għamel rappreżentazzjoni tiegħu dwar il-kobor u l-problemi, sew fl-ambjent kif ukoll problemi oħra li jinħolqu minn proġett hekk vast, għandu jagħmel Press Conference li jispjega dan u b'hekk ir-residenti ta' Santa Venera jaraw lill-Kunsill qiegħed ikun preżenti sabiex jipproteġi l-interessi tar-residenti.

Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.10pm.
Il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ser issir fis-17 ta' Awissu, 2010 fuq aġenda li sejra tiġi komunikata aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Elizabeth Vella |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Ikkonfermati _________________